



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-13 ta' Ġunju 2022

Skrutinju fqir tal-kontrolli fil-fruntieri ta' Schengen matul il-pandemija

Minħabba li l-għodod għad-dispożizzjoni tagħha huma limitati, il-Kummissjoni Ewropea ma skrutinizzatx biżżejjed l-isfidi li l-pandemija tal-COVID-19 ħolqot għad-dritt tal-moviment liberu tal-persuni. Din hija l-konklużjoni kumplessiva ta' rapport speċjali ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA). Is-superviżjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni li l-Istati Membri introduċew mill-ġdid minn Marzu 2020 ma ssalvagwardjawx bis-sħiħ ir-regoli ta' Schengen li jiffaċilitaw il-moviment liberu fl-UE. Barra minn hekk, l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għannuqqas ta' koordinazzjoni bejn ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li ġew imposti mill-Istati Membri, kif ukoll għall-inkonsistenzi mal-gwida tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet li din għamlet.

Kull ċittadin tal-UE għandu d-dritt jiċċaqlaq liberament fit-territorju tal-UE. Dan huwa ffaċilitat permezz tal-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen, li tikkomprendi 22 pajjiż tal-UE u 4 pajjiż mhux tal-UE, u li ħolqot żona ta' vvjaġġar mingħajr fruntieri fi ħdan l-Ewropa. Madankollu, dan id-dritt jista' jiġi ristrett għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà jew saħħa. Mill-2015 'il hawn, diversi pajjiżi tal-UE introduċew mill-ġdid kontrolli fil-fruntieri interni b'rispons għall-kriżi tal-migrazzjoni, jew għal theddid għas-sigurtà (prinċipalment terroriżmu). Aktar reċentement, matul il-pandemija tal-COVID-19, ħafna Stati Membri ħadu miżuri biex jirrestrinġu l-libertà tal-moviment fi ħdan l-UE bħala tentattiv biex jillimitaw it-tixrid tal-virus. Meta jintroduċu fruntieri interni mill-ġdid fiż-żona Schengen, l-Istati Membri huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea, li tibqa' responsabbli biex tivvaluta jekk ir-restrizzjonijiet proposti jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni tal-UE u li ma jiksrux id-dritt tal-moviment liberu tal-persuni.

"Meta jitqies il-fatt li l-moviment liberu tal-persuni huwa waħda mill-erba' libertajiet fundamentali tal-UE u ilu fil-qalba tal-proġett Ewropew sa mill-bidu tiegħu, il-Kummissjoni kien imissha vverifikat b'attenzjoni li r-restrizzjonijiet introdotti matul iż-żminijiet tal-COVID kienu kollha rilevanti u ġustifikati," qal Baudilio Tomé Muguruza, il-Membri tal-QEA responsabbli għall-awditu. *"Nittamaw li s-sejbiet tal-awditjar tagħna jikkontribwixxu għad-dibattitu li għaddej dwar ir-rieżaminar tas-sistema ta' Schengen."*

L-awdituri rrieżaminaw il-150 notifika kollha li l-Istati Membri kienu għamli, rigward kontrolli fil-fruntieri interni, u li kienu ġew ippreżentati lill-Kummissjoni Ewropea bejn Marzu 2020 u Ġunju 2021, li minnhom 135 kienu jirrigwardaw esklussivament il-COVID-19. Ir-rieżaminar li wettqu juri biċ-ċar li n-notifiki ma pprovdewx evidenza suffiċjenti biex juru li l-kontrolli fil-fruntieri kienu tabilħaqq miżura tal-aħħar istanza, jew li kienu proporzjonati u ta' durata limitata. Barra

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

minn dan, il-Kummissjoni ma nedietx proċeduri ta' ksur fir-rigward ta' kontrolli fil-fruntieri għal terminu twil li kienu ġew introdotti qabel il-pandemija.

B'żieda ma' dan, il-Kummissjoni ma kisbitx ir-rapporti kollha li suppost kellha tirċievi fi żmien erba' ġimgħat mit-tmiem tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Bħalma ġara għall-miżuri ta' kontroll li ġew imposti mill-kriżi tal-migrazzjoni u mit-theddid għas-sigurtà qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni ma talbitx informazzjoni addizzjonali u lanqas ma ħarġet xi opinjoni dwar il-kwistjoni. Għalhekk, il-valutazzjoni li l-awdituri tal-UE wettqu hija ċara: il-Kummissjoni Ewropea ma skrutinizzatx b'mod xieraq jekk l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni rrispettatx il-leġiżlazzjoni ta' Schengen.

Il-Kummissjoni ħabbtet wiċċha wkoll ma' diffikultajiet minħabba l-limitazzjonijiet tal-qafas legali li kien jeżisti għas-supervizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar b'rabta mal-COVID-19. Għalkemm ir-responsabbiltà biex jiġu implimentati dawn ir-restrizzjonijiet hija f'idejn l-Istati Membri biss, il-mandat tal-Kummissjoni Ewropea huwa li tiffaċilita approċċ konċertat biex b'hekk l-impatt fuq l-ivvjaġġar transfruntier fl-UE jiġi minimizzat. Għal dan il-fini, inħarġet gwida, u ġeneralment dan seħħ b'mod f'waqtu. L-awdituri sabu li, madankollu, din il-gwida relatata mal-fruntieri interni ma kinitx Prattika biżżejjed jew azzjonabbli biżżejjed.

Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll inizzjattivi biex tikkoordina miżuri li jaffettwaw il-libertà tal-moviment. Inizzjattiva waħda ta' dan it-tip hija l-pjattaforma "Re-open EU", li tnediet fl-1 ta' Ġunju 2020 biex tappoġġa l-ftuħ mill-ġdid sikur tal-ivvjaġġar u t-turiżmu fl-Ewropa kollha. Iżda aktar minn sena wara, disa' Stati Membri (il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Franza, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, u l-Iżvezja) kienu għadhom ma pprovdewx informazzjoni aġġornata. Bl-istess mod, l-isforzi tal-Kummissjoni biex tikkumpensa għan-nuqqas ta' kwalunkwe struttura ta' governanza tal-kriżijiet, billi stabbiliet il-Grupp ta' Informazzjoni dwar il-Corona, ma rriżultawx f'approċċ konsistenti. L-awdituri tal-UE jgħidu li r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li ġew imposti matul il-pandemija tal-COVID-19 baqgħu fil-biċċa l-kbira mhux ikkoordinati, u li l-Kummissjoni ma setgħetx twaqqaf il-ħolqien ta' taħlita ta' miżuri individwali li kienu jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor.

Informazzjoni ġenerali

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jstipula li, liċ-ċittadini tagħha, l-UE trid tipprovdilhom "spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat". Liċ-ċittadini tal-UE japprezzaw il-libertà tal-moviment bħala kisba partikolarment sinifikanti tal-integrazzjoni tal-UE. Il-libertà li wieħed jivvjaġġa, jistudja u jaħdem kullimkien fl-UE hija l-kisba tal-Unjoni Ewropea li hija l-aktar rikonoxxuta miċ-ċittadini, u ġiet ikklassifikata l-ewwel fi sħarriġiet fl-Istati Membri kollha tal-UE, qabel l-euro u l-paċi.

Il-moviment liberu tal-persuni fl-UE huwa differenti mill-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen. Liċ-ċittadini jistgħu jiċċaqalqu liberament fiż-Żona Schengen mingħajr ma jkunu suġġetti għal kontrolli fil-fruntieri interni. Liċ-ċittadini tal-UE jgawdu minn moviment liberu fl-UE kollha, inkluż lejn u minn Stati Membri tal-UE li (sa issa) ma abolixxewx il-kontrolli fil-fruntieri interni.

Ir-Rapport Speċjali 13/2022, "*Moviment liberu fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 – Skrutinju limitat tal-kontrolli fil-fruntieri interni, u azzjonijiet mhux ikkoordinati li jitwettqu mill-Istati Membri*", huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

Aktar tard din is-sena, il-QEA qed tippjana wkoll li tippubblika rapport speċjali dwar l-inizzjattivi tal-UE biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar sikur matul il-COVID-19.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-

rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti tal-QEA jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547